IX-XGĦAJRA

Minuti tal-Laqgħa Nru48 (tmienja u erbgħin) tat-tmien (8) legislatura, tal-Kunsill Lokali x-Xgħajra li saret fl-uffiċċju amministrattiv nhar it-Tlieta 17 ta' Mejju, 2022, fil-5.00pm

| | |
|---|---|
| **Preżenti:** | Il-Membri |
| Is-Sindku | Neil Attard |
| Viċi Sindku | Rosabelle Pulis |
| Il- Kunsilliera | Anthony Valvo |
| | Raymond Camilleri |
| | Mary Doris Borg |
| **L-Uffiċjal** | |
| Is-Segretarju Eżekuttiv | Ranier Busuttil |

Is-Sur Neil Attard ippresedja l-laqgħa.

**48.1. Item Nru 48.1 fuq l-Aġenda –Attendenza u apoloġiji.**

48.1.1 Il-Laqgħa bdiet fis-5.20pm u kulħadd kien preżenti.

**48.2. Item Nru. 48.2 fuq l-Aġenda –** Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti;

48.2.1 Il-Minuti ġew moqrija u s-Sinjura Mary Doris Borg riedet iżżid mad-dikjarazzjoni tagħha li għamlet fil-laqgħa preċedenti li hi tikkundanna bil-qawwi id-diskriminazzjoni u tħares bis-sħiħ id-dinjità. ma kienx hemm korrezzjonijiet.

Wara din id-dkjarazzjoni l-Minuti ġew approvati.

**48.3 Item Nru. 48.3 fuq l-Aġenda -** Komunikazzjoni mis-Sindku

48.3.1 Is-Sindku qal li dwar il-proġetti pendenti ingaġġajna persuna sabiex jieħu ħsieb il-pubblikazzjoni tagħhom. Dawn it-tenders huma tal-Jogging track u tal-Bandli. Hu qal nittamaw li sal-laqgħa li jmiss ikunu lesti.

Kunsill Lokali Xgħajra – Xgħajra Local Council
Delle Grazie Battery
Triq Dwardu Ellul
Xgħajra XJR1480 – Malta
Tel: 21694839
E-Mail xghajra.lc@gov.mt

48.3.2 Is-Sindku qal li dwar il-compliance tal-Multipurpose Hall kiseb il-firma ta' Anton Schembri minn Schembri Barbros sabiexi nkomplu bil-proċess.

48.3.3. Is-Sur Attard qal li l-concession tal-Multipurpose Hall qed nistennew minngħand Maria Axiaq sabiex tagħmlielna.

48.3.4 Is-Sindku qal li kellna proposta li ġiet iċċirkulata mal-Kunsilliera kollha b'email sabiex jibda jsir il-basketball fuq il-Groundslab. Il-Kunsill qabel unanimament li jsiru dawn is-sessjonijiet.

48.3.5 Is-Sindku qal li wara diversi email fuq il-ħadid tal-prominade ikkuntattjaħ persuna mil-Ministeru ta' Stefan Zrinzo u ġej jara l-istat ta' dan il-ħadid nhar il-Ġimgħa fl-10am. Din il-persuna bit-telephone qallu wkoll li ser jirranġaw ukoll il-konkos ta' fejn il-Milord.

48.3.6 Is-Sindku informa lill-Kunsilliera li t-tender tal-iskart issa ser ikun fuq bażi Reġjonali u diġa beda l-proċess.

**48.4 Item Nru 48.4 fuq l-Aġenda – Tweġibiet għall-mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

48.4.1 Is-Sur Valvo staqsa jekk nistgħux nirranġaw bankina li hemm fejn l-istage tax-xatt propju faċċata ta' Triq Carmelo Penza għaliex niżlet.

48.4.2 Is-Sur Raymond Camilleri qal jekk nistghux naghmlu tabelli bil-hinijiet tal-catamaran biex l-ghawwiema joqodu attenti minħabba l-mewġ li jista jkun ta' periklu.

48.4.3 Is-Sa. Mary Doris Borg qalet li t-tifla li qed tipparteċipa għal Modelling tatna irċevuta tal-fatturi u sar qbil sabiex nirrimbursawhom.

48.4.4 Is-Sa Borg staqsiet jekk nistgħux nagħmlu żbir tas-siġar ta' Triq l-Iskola u Triq Orlando Zabbar u qtugħ ta' ħaxix fi Sqaq San Lawrenz u Triq it-Torri t' Alof De Wignacourt.

**48.5 Item Nru. 48.5 fuq l-Aġenda – Rapporti**

48.5.1 Ma kienx hemm rapporti ppreżentati.

**48.6 Item Nru. 48.6 fuq l-Aġenda - Items oħra ta' Xogħol ieħor tal-Kunsill Lokali li jkunu meħtieġa;**

48.6.1 Il-Kunsill qabel unanimament li nitolbu laqgħa mal-Prim Ministru mil-aktar fis sabiex nitkellmu fuq affarijiet pendenti li għandna fix-Xgħajra bħal irwejjaħ tad-drenaġġ.

48.6.2 Il-Kunsill qabel unanimamenti li nibgħatu lill-Kummissarju tal-Pulizija sabiex naraw meta ser jibda l-Community Policing fix-Xgħajra.

**48.7 Item Nru. 48.7 fuq l-Aġenda - Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-iskeda ta' pagamenti;**

48.7.1 Pagamenti b'numru 112 ġew approvati unanimament.

**48.8 Item Nru. 48.8 fuq l-Aġenda – Mozzjonijiet**

48.8.1 Ma kienx hemm mozzjonijiet bil-miktub.

**48.9 Item Nru. 48.9 fuq l-Aġenda - Tmiem tal-laqgħa u data tas-seduta li jmiss.**

48.9.1 Il-laqgħa ntemmet fis-6.24pm

Aġġornament għal-nhar it-Tlieta 21 ta' Ġunju, 2022

__________________________

Ranier Busuttil

Segretarju Eżekuttiv

__________________________

Neil Attard

Sindku